MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1838/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**IWDS Computers**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm258.75), u fejn intqal:**
**Illi s-socjeta` Maltacom plc ipprovdiet lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru, 1998 u t-30 t'April, 2001;**
**Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas is-somma ta mitejn u tmienja u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm258.75) minnha dovuta tas-**

**servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avviz legali 219 u 220 ta' l-1998), u dan nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Dicembru, 2001 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Frar, 2002 fejn intqal li:**
**i. qed jigi eccepit fl-ewwel lok illi l-attur m'ghandu ebda relazzjoni guridika mal-konvenut u kwindi t-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;**
**ii. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-attur ma esegwiex il-funzjonijiet li taghhom jista jintalab hlas skond il-ligi;**
**iii. Illi bla pregudizzju ghal premess il-ligi tipprovdi ghal pagament ghal servizz ta' Type approval biss. Kwindi ma jaghmilx sens legali apparti li huwa inekwu li jigi mitlub hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tieghu ikun diga' sar l-hekk imsejjah type approval.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Jibda biex jinghad illi din il-kawza giet differita kemm il-darba sabiex is-socjeta` attrici tirregola ruhha, in kwantu l-konvenut kif ingunt ma ghandu ebda personalita` guridika, u konsegwentement ma setghax jitharrek kif gie imharrek. Is-socjeta` attrici baqghet ma rregolatx ruhha fir-rigward.**

**Ghaldaqstant peress illi l-kawza kif proposta hija insostenibbli kontra l-konvenut imsemmi, it-Tribunal qed jichad it-talba bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Avv Joseph Refalo**

**Gudikatur**